# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-JUNIOR LYCEUM 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **STORJA (Ġenerali)** **Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem** ________________________ **Klassi**: ___________________

**SEZZJONI A.**

1. Aqra dan il-paragrafu sewwa u wieġeb id-domandi kollha

Fl-1887 il-Gvern Inglż tana kostituzzjoni ġdida li fiha l-membri eletti kienu fil-maġġoranza. Il-Kunsill kellu l-poter li jagħmel liġijiet fuq affarijiet interni u jikkontrolla l-affarijiet finanzjarji. Il-Gvern Ingliż żamm id-dritt li jindahal iżda dawn kienu poteri li kellhom jintużaw f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Fl-1903, prinċipalment minħabba sitwazzjoni xejn sodisfaċenti, din il-kostituzzjoni ġiet irtirata u daħlet oħra fejn il-membri eletti kienu fil-minoranza. Din il-kostituzzjoni baqgħet taħdem sa l-1921.

(Adattata minn Brian Blouet "The Story of Malta")

1. Xi tfisser il-kelma 'kostituzzjoni'?

_______________________________________________________ (2 marki)

2.1 a) Bejn l-1835 u l-1887 ingħatat kostituzzjoni oħra. Liema kienet?

_______________________________________________________ (marka)

2.1 b) Għid għaliex din il-Kostituzzjoni kienet aħjar minn ta' qabilha?

_______________________________________________________ (2 marki)

3 Għid għaliex il-kostituzzjoni tal-1887 kienet l-aħjar waħda li ngħatat bejn l-1835 u l-1887.

_______________________________________________________ (2 marki)

4. Il-paragrafu jgħid li, fl-1903, sitwazzjoni xejn sodisfaċenti waslet biex tiġi irtirata l-kostituzzjoni ta' l-1887. Għal-liema sitwazzjoni qed jirreferi l-awtur?

_______________________________________________________ (2 marki)

5 a) Għid għaliex il-Maltin ma kinux kuntenti bil-kostituzzjoni tal-1903.

_______________________________________________________ (2 marki)

b) Kif ipprotestaw il-membri eletti għal din il-kostituzzjoni?

_______________________________________________________ (2 marki)

6 Skond il-paragrafu, il-kostituzzjoni tal-1903 baqgħet taħdem sa l-1921. Liema avveniment traġiku wassal biex inbidlet din il-kostituzzjoni? ________________________

_______________________________________________________ (2 marki)

7 X'tip ta' kostituzzjoni ngħatat lill-gżejjer Maltin fl-1921?

_______________________________________________________ (2 marki)

(17-il marka)

## SEZZJONI B

**Ħares sewwa lejn din il-lapida u wieġeb id-domandi kollha**




8 a) Liema linji ta' difiża qed jitfakkru f'din il-lapida?
__________________________ (1)

b) Għid minn fejn kienu jibdew u fejn kienu jispiċċaw?
___________(1) ____________(1)

9. Semmi żewġ tipi ta' fortifikazzjonijiet li jinsabu fihom.
__________________________ (1)
__________________________ (1)

10 Għal-liema skop partikulari nbnew dawn il-linji?
__________________________________________________________ (2 marki)

11 a) Fil-lapida tissemma s-sena 1897. Min kien il-kap ta' l-imperu Ingliż f'dak iż-żmien? ______________________________________________ (marka)

b) X'avveniment marbut magħha jissemma f'din il-lapida?
______________________________________________________ (2 marki)

12 Min kien il-Gvernatur ta' Malta fl-1897? ____________________________ (marka)

13 a) Minn barra dawn il-linji, l-Ingliżi bnew żewġ linji oħra ta' difiża. Waħda minnhom kienet qrib il-Kottonera. X'isem kellha din il-linja?
______________________________________________________ (marka)

b) Għal-liema skop inbniet din il-linja? __________________________
______________________________________________________ (2 marki)

**Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**



14 X'jissejjaħ il-bini li qed tara f'din l-istampa?
__________________________ (1)

15 Agħti isem ta' waħda minnhom li ġiet mibnija mill-Ingliżi.
__________________________ (1)

16. L-Inglizi bnew ħafna fortizzi bejn l-1870 u l-1900. Dawn qatt ma ntużaw. Għaliex?
__________________________________________________________ (3 marki)

(19-il marka)

**SEZZJONI Ċ - Ħares lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**




17 X'jissejjaħ il-mezz ta' trasport li jidher f'din l-istampa? ____________________________ (1)

18 a) B'liema sors ta' enerġija kien jaħdem? ________________________________ (1)

19 Semmi waħda mir-rotot tiegħu.

____________________________________

____________________________________ (2)

20 Liema mezz modern ta' trasport wassal għat-tmiem tiegħu fl-1929? ________________________________ (1)




**A** **B**

21 Fl-istampi li jidhru hawn fuq hawn żewġ persunaġġi b'rabta ma' l-edukazzjoni f'Malta.

a) Għid min huwa l-persunaġġ indikat bl-ittra **A**? __________________________ (marka)

b) Għid min huwa l-persunaġġ indikat bl-ittra **B**? __________________________ (marka)

22 Semmi avveniment fil-qasam ta' l-Edukazzjoni marbut mal-persunaġġ indikat bl-ittra **A**.

________________________________________________________________ (2 marki)

23 Semmi avveniment fil-qasam ta' l-Edukazzjoni b'rabta mal-persunaġġ indikat bl-ittra **B**.

________________________________________________________________ (2 marki)

24 a) Liema avveniment importanti fil-qasam ta' l-edukazzjoni seħħ fl-1946?

____________________________________________________________ (2 marki)

b) X'effett kellu dan l-avveniment fuq il-ħajja tal-poplu Malti?

____________________________________________________________ (2 marki)

(15–il marka)

**SEZZJONI D - Ħares sewwa lejn dawn iċ-ċifri u wara wieġeb id-domandi kollha.**

| Sena | Popolazzjoni |
|---|---|
| 1842 | 114, 499 |
| 1851 | 123, 496 |
| 1861 | 134, 065 |
| 1871 | 141, 175 |
| 1881 | 149, 781 |
| 1891 | 165, 073 |
| 1901 | 184, 072 |

25 Xi tfisser il-kelma 'ċensiment'?

____________________________________________ (2 marki)

26 Kull meta sar iċ-ċensiment bejn l-1851 u l-1901?

____________________________________________ (marka)

27 X'differenza tara bejn il-popolazzjoni bejn l-1842 u l-1901?

____________________________________________ (marka)

28 Minkejja ż-żieda fil-popolazzjoni (1842 – 1901) kien hawn żewġ fatturi li naqqsu l-popolazzjoni: il-mard u l-emigrazzjoni.

Semmi żewġ mardiet jew epidemiji li laqtu lill-Gżejjer Maltin fis-seklu XIX u qatlu ħafna nies. ____________________ (marka) ____________________ (marka)

29 Semmi żewġ postijiet fejn kienu jemigraw il-Maltin fis-seklu XIX.

____________________ (marka) ____________________ (marka)

30 Agħti raġuni waħda għaliex il-Maltin kienu jemigraw f'dak iż-żmien.

____________________________________________ (2 marki)

31 Fis-seklu XIX il-popolazzjoni mhux biss żdiedet iżda wkoll infirxet.

Semmi żewġ postijiet li żviluppaw bħala subborgi tal-belt Valletta.

____________________ (marka) ____________________ (marka)

(12–il marka)

**SEZZJONI E – Aqra sewwa dan il-paragrafu u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Bejn l-1840 u l-1900, kwantita kbira ta'artijiet tal-Gvern fit-tramuntana Punent ta' Malta nqasmu fi blokki ġeometrici u ngħataw lill-bdiewa b'ċens baxx għal żmien twil, bil-kundizzjoni li l-art tiġi żviluppata u kkultivata.

L-iżvilupp ta' dawn l-inħawi ġie ppjanat sewwa. Inbnew it-toroq u nibtu rħula ġodda fl-Imġarr u fil-Mellieħa, biex jilqgħu fihom il-bdiewa li kienu deħlin fit-Tramuntana Punent, u dawn żviluppaw bħala kolonji agrikoli.

(Adattat minn Brian Blouet – "The Story of Malta")

32 a) Liema kien il-wiċċ prinċipali tal-biedja Maltija sa l-1865?
_______________ (marka)

b) Agħti raġuni waħda għaliex il-bdiewa Maltin ma baqgħux ikabbruh.
_______________ (2 marki)

ċ) Liema prodott ħadlu postu bħala l-wiċċ prinċipali tal-biedja f'Malta?
_______________ (marka)

33 a) Meta taqra dan il-paragrafu, x'taħseb li kienet l-intenzjoni tal-Gvern fil-qasam tal-biedja? _______________ (2 marki)

b) Semmi żewġ miżuri li ħa biex dan iseħħ.
_______________ (2 marki)
_______________ (2 marki)

ċ) Taħseb li rnexxa l-ħsieb tal-Gvern? _______________ (marka)
Għaliex. _______________ (2 marki)

34 Semmi problema li kellu jħabbat wiċċu magħha l-bidwi Malti fis-seklu XIX.
_______________ (marka)

35 Semmi tliet postijiet fil-Gżejjer Maltin li għandhom rabta mas-sajd.
_______________ (marka) _______________ (marka) _______________ (marka)

(17–il marka)

**SEZZJONI F – Ikteb fit-tul komponiment fuq WAĦDA minn dawn li ġejjin:**

36 Fl-1921, nbdiet it-triq it-twila li bit-tlugħ u l-inżul tagħha wasslet għall-Indipendenza fl-1964 u r-Republika 1974.

37 X'kienu ċ-ċirkustanzi li wasslu għas-"Sette Giugno"?
X'seħħ eżatt dak in-nhar?
X'kien ir-riżultat tas-"Sette Giugno"?

38 X'importanza kellha t-Tarzna għall-Gvern Ingliż?
X'miżuri ħa l-Gvern Ingliż biex itejjeb il-faċilitajiet tat-Tarzna bejn l-1840 u l-1906?

39 X'tifhem meta tgħid 'l-Ekonomija ta' Fortizza'?
Għid għaliex din kellha tispiċċa fl-aħħar tas-snin 50 u fil-bidu tas-snin 60 tas-seklu XX.
Liema struttura ħadet post l-Ekonomija ta' Fortizza?

(20 marka)